MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2007

Citazzjoni Numru. 1093/2006

Grace Farrugia, Rachel Portelli u Angie Farrugia
vs
Dr. Patrick Valentino u l-P.L. Hilda Ellul Mercer li b'digriet tal-20 ta' Frar 2007 gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti Philip Farrugia

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponew:

Illi fit-3 ta' Dicembru 1995 gheb l-ajruplan DHABU Piper Lance x'imkien fil-bahar lejn in-nofsinhar ta' Malta.

Illi fuq dan l-ajruplan kien hemm l-assenti konvenut Philip Farrugia li kien ir-ragel ta' l-attrici Grace Farrugia u missier l-atturi l-ohra Rachel Portelli u Angie Farrugia.

Illi r-rikorrenti huma werrieta bil-ligi ta' l-assenti Philip Farrugia.

Illi minn dak inhar sal-lum ir-rikorrenti ma semghu l-ebda ahbar dwar Philip Farrugia, nonostante li issa ghaddew ghaxar snin mid-data ta' l-incident, u ghalhekk huwa prezunt mejjet.

Illi wara l-incident il-Ministeru tat-Trasport kien hatar bord ta' inkjesta li kien immexxi minn Dr. Philip Sciberras bhala chairman.

Illi pero` ma kenitx saret inkjesta minn Magistrat.

Illi peress illi ghaddew aktar minn ghaxar snin mid-data ta' l-incident ir-rikorrenti marru ghand id-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jinhareg certifikat tal-mewt.

Illi pero d-Direttur tar-Registru Pubbliku kien qed jirrifjuta li johrog certifikat tal-mewt ghar-raguni li ma saritx inkjesta minn Magistrat.

Illi ghal kull buon fini, giet esebita ma' dan ir-rikors, animo ritirandi, kopja awtentika tal-konkluzjonijiet tar-rapport ta' l-inkjesta tal-Bord mahtur mill-Ministeru tat-Trasport.

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti:

i. Tiddikjara li l-assenza tal-konvenut Philip Farrugia minn dawn il-gzejjer ilha tippersisti ghal zmien ta' ghaxar snin kontinwi mid-data ta' l-ahhar ahbar dwaru, u dan kif kontemplat fl-artikolu 223 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

ii. Takkorda lir-rikorrenti d-dhul fil-pussess assolut fil-beni ta' l-assenti Philip Farrugia u l-ezercizzju assolut tal-jeddijiet li jiddependu mill-mewt ta' l-assenti.

iii. Tiddikjara mahlula l-garanziji, u li ma ghandhomx isehhu l-kawteli l-ohra li setghu gew ordnati fil-konfront tar-rikorrenti tul dawn l-ahhar ghaxar snin.

Bl-ispejjez u l-konvenut li gie ingunt in subizzjoni.

Rat il-lista ta’ xhieda prezentata mir-rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tal-intimati Dr. Patrick Valentino u l-P.L. Hilda Ellul Mercer, fil-kwalita` taghhom ta’ kuraturi deputati nominati b’digriet ta’ l-20 ta’ Frar sabiex jirraprezentaw lill-assenti Philip Farrugia li biha esponew:

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti ezatti tal-kawza u mir-rikors promotur, jidher illi hemm possibilta` remota li huma jiskopru aktar dettalji dwar l-assenti minnhom rapprezentat, pero` nonostante jirriservaw li jipprezentaw nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mill-kuraturi deputati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat l-affidavit ta’ <u>Grace Farrugia</u> fejn issemma li ghall-habta tas-sena 1980 ir-ragel taghha kien beda jahdem fuq ir-***rigs*** taz-zejt. Kien jaghmel hames gimghat fuq ir-***rig*** u mbaghad kien ikollu hames gimghat ***off***. Minn dak iz-zmien huwa hadem ma’ diversi kumpaniji dejjem fuq ***rigs*** taz-zejt. Pero` fit-18 ta’ Ottubru 1995 huwa kien iffirma kuntratt ta’ impjieg mal-***branch*** Libjana tal-kumpanija ***Haniel & Lueg Gmbh***. F’Novembru 1995 ir-ragel taghha kien siefer ghall-ewwel hames gimghat xoghol ma’ l-ahhar kumpanija li hadem maghha u kellu jigi lura Malta ghall-hames gimghat ***break*** fit-3 ta’ Dicembru 1995 filghaxija. Dak in-nhar filghodu t-tifla taghha qaltilha li semghat illi gara xi incident b’ajruplan gej mit-Tunezija. Kienet inkwetata u staqsietha meta kien sejjer lura r-ragel taghha. Hi kienet serrhitilha rasha li huwa kellu jigi filghaxija mhux filghodu ghaliex l-ahhar li kienet kellmitu kien taha l-***flight number*** u qalilha li kien sejjer filghaxija.

Dak iz-zmien kien hemm is-sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti u ma kienx hemm titjiriet diretti minn Tripoli ghal Malta. Ghalhekk ir-ragel taghha u l-kollegi tieghu kienu jmorru bil-karozza minn Tripoli ghal Gerba t-Tunezija u kienu jaqbdu ***flights*** minn hemm ghal Malta. Minhabba f'hekk kienu jkunu Gerba xi jumejn qabel il-***flight***. Fit-3 ta' Dicembru 1995 filghaxija kienet marret l-***airport*** tistennih jigi bit-titjira li kien qalilha li kien gej biha u ma giex. Saret taf li fuq l-ahbarijiet kienu semmew illi kien hemm incident b'ajruplan u fost il-passiggieri semmew lir-ragel taghha. Bdiet iccempel id-***depot*** u l-***airport*** u f'xi 12.00am ikkonfermawlha mid-***depot*** illi r-ragel taghha kien wiehed mill-passiggiera fuq l-ajruplan illi kien involut fl-incident. Kienet bdiet it-tfittxija mill-Pulizija u l-Forzi Armati. Wara tfittxija fit-tul l-awtoritajiet ma kienu sabu xejn pero` wara hafna kienu regghu ghajtulha ghax kienu sabu xi ***debris*** ta' l-ajruplan u kien hemm xi craret imwahhlin mieghu biex tara tarafx xi haga minnhom. Waqt l-inkjesta dwar dan l-incident kien xehed wiehed ragel ta' nazzjonalita` Ingliza li ma kenitx tiftakar x'jismu. Dan wara li xehed kien mar sabha u qalilha li huwa kellu jitlaq ma' dak l-ajruplan li sussegwentement kien involut fl-incident u kien biddel postu mar-ragel taghha. Huwa assikuraha li r-ragel taghha kien tela fuq dak l-ajruplan. Hi ghandha zewgt itfal ossia Rachel li llum ghandha tlieta u tletin sena u Angie li llum ghandha tletin sena. Esebiet certifikat tat-twelid tat-tfal Rachel u Angie (Dok C1 u C2), certifikat taz-zwieg taghha (Dok C3), zewg kuntratti li jirreferu ghad-dar u l-garage ta' tahtha (Dok C4 u C5). Esebit ukoll bank statements li juru l-kontijiet bankarji li ghad hemm f'isem ir-ragel (dok C6 sa C12). Annettiet dokument mill-ADT li juri li ghandha vettura Pegeout 405 bin-numru EAW 662 (Dok C13). Hemm ukoll vettura Korando Jeep tal-1992 li ghandha n-numru DBB 487 kif jirrizulta mid-dokument mibghut mill-Allcare Insurance (Dok C14). Esebiet kopja ta' dawn id-dokumenti kollha minhabba t-talba taghha li tiddahhal fil-pussess tal-beni ta' l-assenti Philip Farrugia. Finalment esebiet ukoll kopja ta' l-inkjesta dipartimentali li kienet saret (Dok C15).

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Din ir-rikors gie istitwit mill-qraba tal-assenti Philip Farrugia sabiex jigi dikjarat li l-assenza tal-konvenut Philip Farugia minn dawn il-Gzejjer ilha tippersisti ghal zmien ta' ghaxar snin kontinwi.  U ghalhekk l-atturi ghandhom jiehdu l-pussess assolut tal-beni tal-assenti Philip Farrugia.  Gie mitlub ukoll li jinhallu l-garanziji u li m'ghandhomx isehhu l-kawteli l-ohra li setghu gew ordnati fil-konfront tal-atturi matul dawn l-ghaxar snin.

Min-naha l-ohra, il-kuraturi deputati in rapprezentanza tal-assenti Philip Farrugia eccepew li mhumiex edotti mill-fatti tal-kawza, u rrilevaw li hemm possiblita` remota li jiskopru iktar dettalji dwar l-assenti rapprezentat minnhom. Irrizulta mill-provi li f'Dicembru 1995 gheb l-ajruplan Dhabu Piper Lance li fuqu kien hemm Philip Farrugia fost ohrajn.  Jirrizulta wkoll li kien gie appuntat Bord ta' Inkjesta liema rapport huwa esebit a fol 51 sa 99.  Stante li in segwitu, peress li ma saritx inkjesta minn Magistrat, baqa' ma nharigx certifiat tal-mewt ta' Philip Farrugia, ir-rikorrenti pprocedew bir-rikors odjern.  Wiehed ghandu jqis it-talba tar-rikorrenti fid-dawl ta' dak li hareg mir-rapport li sar mill-***Board of Enquiry***.

Jibda biex jinghad li l-artikolu 223 tal-Kap 16 ighid hekk:
"Jekk l-assenza tissokta  ghal zmien ta' sitt snin wara d-dhul fil-pussess provizorju, jew jekk b'rikors guramentat li jkun gie pprezentat mill-werrieta b'testment jew mill-werrieta bil-ligi tal-assenti quddiem il-Qorti kompetenti tal-gzira li fiha l-assenti kien joqghod l-ahahr kontra l-kuraturi nominati mill-imsemmija qorti dik l-assenza tkun giet dikjarata  b'sentenza li tkun damet ghal zmien ta' ghaxar snin kontinwi mid-data tal-ahhar ahbar dwar l-assenti, il-Qorti kompetenti ghandha, fuq it-talba ta' min koluu interess, taghti b'digriet id-dhul fil-pussess assolut fil-beni tal-assenti u l-ezercizzju assolut tal-jeddijiet li jiddependu mill-mewt tal-assenti, u tiddikjara mahlulal-garanziji, u li mghandhomx isehhu l-kawtieli l-ohra li setghu ikunu gew ordnati."

In vista wkoll tal-artikoli 234 u 299 tal-Kap 16, u stante li matul il-perjodu ta' ghaxar snin mill-assenza ta' Philip Farrugia, ma rrizultaw l-ebda fatti li jistghu jkunu ta'

indikazzjoni li ghadu haj, il-Qorti tilqa' t-talbiet tal-atturi. F'dan il-kuntest, ta min isemmi wkoll, li hekk kif jirrizulta mir-rapport tal-Bord tal-Inkjesta li abbord dak l-ajruplan kien hemm anke Carmelo Bartolo li wkoll baqa' assenti (a fol 58), u li fil-konfront tieghu, diga nghatat decizjoni minn din il-Qorti diversament preseduta fit-22 ta' Mejju 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Antonia Bartolo et vs L-Av. Dr. Tonio Azzopardi noe et**.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghalhekk, din il-Qorti tiddikjara li l-imsemmi Philip Farrugia ilu assenti ghal aktar minn ghaxar snin kontinwi mid-data tal-ahhar ahbar tieghu, u dan ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, inkluzi d-disposizzjonijiet imsemmija hawn fuq l-Artikoli 223, 234 u 299 tal-Kodici Civili ta' Malta.

Takkorda lir-rikorrenti d-dhul fil-pussess assolut fil-beni ta' l-assenti Philip Farrugia u l-ezercizzju assolut tal-jeddijiet li jiddependu mill-mewt ta' l-assenti.

Tiddikjara mahlula l-garanziji, u li ma ghandhomx isehhu l-kawteli l-ohra li setghu gew ordnati fil-konfront tar-rikorrenti tul dawn l-ahhar ghaxar snin.

Fic-cirkostanzi, spejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------